**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 24 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru. 47/2015**

**Jonathan Grech**

**-vs-**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Jonathan Grech** fit-28 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Lulju 2015, intitolata 'Sospensjoni Immedjata u Twissija Ufficjali',[1] u indirizzata lill-esponenti, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghamlet referenza ghal zewgt incidenti u spezzjoni, fejn skond l-Awtorità l-esponenti kien il-kaptan tal-bastimenti kummercjali imsemmija, u fl-ahhar giet dikjarat li "abbazi tal-poter taghha skond il-ligi, l-Awtorità qieghda:*

*i) B'effett mit-13 ta' Lulju 2015, tordna u timponi s-sospensjoni tac-Certifikat ta' Kompetenza (COC) tieghek (dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) u dan sakemm terga' toqghod ghall-ezami u tikseb rizultat pozittiv, u cjoè tghaddi mill-ezami, kif mehtieg ghall-hrug ta' dan ic-Certifikat, izda liema zmien ta' sospensjoni mhuwiex anqas minn tlett xhur (3) xhur mit-13 ta' Lulju 2015;*

[1] Kopja tal-ittra annessa u immarkata bhala DOK A.

ii) *Twissik b'mod ufficjali illi f'dan il-perijodu ta' sospensjoni tas-COC, inti ma tistax thaddem, topera u ssuq, jew tkun parti mill-ekwipagg ta', bastimenti kummercjali; u*

iii) *Twissik b'mod ufficjali illi jekk ikun hemm xi ksur iehor ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi, hija ser tiehu dawk il-passi necessarji skont il-ligi fil-konfront tieghek, li jinkludu r-revoka ta' certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali."*

*Illi l-appellanti hass ruhu aggravat minn dina d-decizjoni ta' l-Awtorità u entro il-perjodu indikat mill-ligi, minn meta huwa rcieva din id-decizjoni supra indikata huwa qieghed jappella quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, u dan inter alia, ai termini tar-Regolament 63 tal-L.S.499.23 u tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***A. Dikjarazzjoni Cara u Korretta tas-Suggett***

*Fl-ittra supra citata datata 8 ta' Lulju 2015, mibghuta lill-esponenti, l-Awtorità telenka tlett istanzi li skond hi wasslu biex l-Awtorità tiddeciedi inter alia li tissospendi b'mod immedjat, u ghal mhux inqas minn tlett xhur, ic-certifikat ta' kompetenza tal-esponenti, kif ukoll li tobbliga lill-esponenti biex jerga' joqghod ghall-ezami ghal hrug ta' tali certifikat.*

*L-ewwel punt li taghmel referenza ghalih l-Awtorità huwa "incident li sehh nhar l-14 ta' Gunju tal-2015 abbord il-bastiment kummercjali SEA ADVENTURE fejn fih wegga' passiggier li kien membru tal-ekwipagg ta' bastiment kummercjali iehor....", fejn skond l-Awtorità "f'dan l-incident ma sehh l-ebda rapport verbali minnufih lill-Awtorità u lanqas wiehed bil-miktub iddettaljat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mill-incident".*

*It-tieni punt li taghmel referenza ghalih l-Awtorità huwa incident li sehh nhar is-17 ta' Gunju 2015, fejn skond l-Awtorità wara li l-esponenti ghamel hsara lil baga tal-kanal navigabbli propjetà tal-Awtorità, ma saru l-ebda rapporti fiz-zminijiet stipulati.*

*It-tielet referenza hija dik ghal spezzjoni li saret fis-6 ta' Lulju 2015 fuq il-bastiment LA LAGUNA gewwa l-Port tal-Imgarr, Ghawdex, fejn skond l-Awtorità il-bastiment kien qed jigi operat b'hames (5) passiggieri aktar milli kapaci u permess li jgorr.*

*Huwa abbazi ta' dawn it-tlett punti li l-Awtorità kkonkludiet li dan "jammonta ghal ksur manifest tal-ligijiet u regolamenti portwali vigenti u direttivi tal-Awtorità; u jammonta ghal pregudizzju serju ghas-sahha u s-sigurtà tal-passiggieri u tal-ekwipagg abbord; ghas-sigurtà tal-bastiment; ghas-sigurtà tan-navigazzjoni ghas-sigurtà ta' nies ohra li juzaw l-ibhra; u ghall-bwon ordni fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta." In oltre l-istess Awtorità ghaddiet biex tiddikjara li skond hi l-esponenti ma ghadux aktar kompetenti sabiex iservi bhala Kaptan ta' bastimenti kummerjcali u li ghalhekk kienet qed tiehu d-decizzjoni supra citata.*
*L-appellanti, bir-rispett, ma qabilx la ma' dak dikjarat mill-Awtorità dwar l-esponenti, u wisq anqas mad-decizzjoni taghha ta' sospensjoni immedjata u twissija ufficjali.*

*Fl-ittra, l-Awtorità ma tat l-ebda cans lill-esponenti li huwa jressaq il-kontestazzjonijiet tieghu qabel mal-Awtorità tiehu d-decizzjoni finali taghha. Di più, qabel din l-ittra ma*

*kien hemm l-ebda ittra ohra fejn fiha l-esponenti gie infurmat bid-decizzjoni li kien bi hsiebha tiehu l-Awtorità, u moghti d-dritt li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu.*

*Madanakollu[2], l-esponenti, tramite l-avukat tieghu, nhar il-11 ta' Lulju 2015, baghat ittra lill-Awtorità fejn filwaqt li infurmaha li huwa ma kienx qed jaqbel mad-decizzjoni tal-Awtorità, talab li d-decizzjoni tal-Awtorità tigi sospiza sakemm huwa jikkontesta d-decizzjoni tat-8 ta' Lulju 2015, supra citata, skond kif ghandu dritt li jaghmel ai termini tal-ligijiet relevanti[3].*

*In segwitu ghal tali ittra datata 11 ta' Lulju 2015, f'ittra mibghuta mill-Awtorità datata 12 ta' Lulju 2015[4], l-Awtorità ddikjarat illi hija kienet qed tikkonferma s-sospensjoni, però ssospendiet id-decizzjoni fid-dawl tad-dikjarazzjoni li kien ser jigi intavolat appell.*

***B. Esposizzjoni Cara u Dettaljata tal-Fatti tal-kaz kif jafhom ir-Rikorrenti***

*Stante li l-ittra datat 8 ta' Lulju 2015 titratta tlett kawzi separati, ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb, l-esponenti sejjer jitratthom wahda wahda u jaghti l-esposizzjoni cara u dettaljata tal-fatti dwarhom separatament.*

***B.1) L-incident tal-14 ta' Gunju 2015***

*L-Awtorità fl-ittra taghha tat-8 ta' Lulju 2015, tidher li tikkundanna lill-esponenti talli huwa rraporta incident disat ijiem wara li kien gara. Dan ghaliex skond l-Awtorità l-esponenti kellu jaghmel rapport verbali minnufih lill-Awtorità u iehor bil-miktub fi zmien 24 siegha mill-incident, u huwa naqas li jaghmel dan.*
*L-esponenti jiddikjara illi, minghajr pregudizzju ghal aggravju dwar x'tip ta' incident ghandu jwassal ghall-obbligu tal-irrappurtar ta' tali incident, liema aggravju ser jigi trattat izjed il-quddiem f'dan l-appell, l-esponenti umilment jissottometti illi l-Awtorità kienet taf bl-akkadut.*

*Fl-ewwel lok, dwar il-fatt tal-akkadut, l-esponenti jibda billi jiddikjara li l-bastiment fil-hin tal-akkadut kien wieqaf u l-mooring operations kienu lesti. Kif digà giet infurmata l-Awtorità, l-incident sehh meta 'bollard' ma' liema habel tal-bastiment kien marbut, harget minn mal-art u intlaqat individwu. Tali individwu ma kienx parti mill-crew tal-bastiment, izda kien membru ta' crew ta' bastiment iehor tal-esponenti, u stante li dak il-hin ma kienx qed jintuza, huwa mar fuq is-Sea Adventure bhala passiggier. Jinghad ukoll illi ghalkemm l-esponenti (li ma rax l-incident isehh), originarjament kien taht l-impressjoni li kienet il-bollard li laqtet lil individwu, wara li l-esponenti talab lill-individwu jikkjarifikalu x'gara bl-ezatt, l-individwu stess iddikjara illi ma jafx jekk huwa intlaqatx bil-bollard stess jew inkella mill-gebel li tar b'rizultat tal-fatt li l-bollard hareg minn mal-art. Dan il-bollard ilu gol-art ghal diversi snin u ilu jintuza minn bastimenti diversi ghal diversi snin ukoll.*

*L-esponenti umilment jiddikjara illi malli gara l-incident, originarjament l-emergenza kienet ikkuntatjata ghaliex kien hemm dubju dwar jekk il-persuna abbord kellhiex griehi gravi jew le, u infatti l-emergenza ghaddiet it-telefonata lil-Isptar Generali ta'*

[2] Stante wkoll li l-ittra tkellmet dwar sospensjoni immedjata b'effett mit-13 ta' Lulju 2015.
[3] Vide dokument anness u mmarkat DOK B.
[4] DOK C annessa.

*Ghawdex u kienu ser isiru l-arrangamenti biex l-individwu jittiehed l-isptar f'Ghawdex. Dan kollu juri li l-esponenti ma kellu intenzjoni li jahbi xejn, anzi qabad u cempel l-awtoritajiet koncernati sabiex min weggha jiehu l-ghajnuna medika li kellu bzonn. Però, malli mbaghad gie konstatat li l-griehi ma kienux gravi daqs kemm kien mahsub fil-bidu, propju minhabba kwistjoni ta' logistika (ghaliex ghal min huwa residenti f'Malta, sptar f'Malta huwa izjed accessibli minn sptar f'Ghawdex), ittiehdet decizzjoni li l-individwu jittiehed Malta fejn kien se jkun hemm individwu iehor jistenna biex iwasslu ghal kura fi sptar Malta. Eventwalment l-individwu inghata l-kura mehtiega u fi zmien qasir seta' jiffunzjona normalment.*

*Nel frattemp, kif gie accennat wkoll fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2015, kien hemm tal-ERCC fuq il-bahar. L-ghajnuna taghhom "ma gietx accettata" propju minhabba r-ragunijiet supra, i.e. li ma ma kienx jaghmel sens logistikament li indivdiwu residenti Malta jinghata l-kura Ghawdex. Li ma qalitx l-Awtorità però fl-ittra taghha tat-8 ta' Lulju 2015 huwa, li flimkien mal-ERCC kien hemm ukoll ufficjal ta' Transport Malta.*

***B.2) L-incident tas-17 ta' Gunju 2015***

*B'referenza ghal dan l-incident l-esponenti umilment jissottometti illi ghal darb'ohra huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jahbi xi akkadut. Anzi ezatt malli gara l-incident kien hemm ufficjali tal-pulizija u ta' Transport Malta li kellmu lill-esponenti u hadu r-rapport u sahansitra saru xi xogholijiet provizorji fuq din il-baga, b'dan li rabtu l-baga ma' baga ohra temporanjament.*

*Dak il-hin stess, l-esponenti iddikjara li kien lest li jhallas ghall-ispejjez biex tissewwa din il-baga. Dan huwa wkoll korroborat minn dak dikjarat fl-ittra mibghuta mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 7 ta' Lulju 2015, fejn hemm indikat:*

> *"furthermore, there is also the understanding that you have made a declaration that you will be making good for all the damages sustained by the Authority in connection with this incident."*[5]

***B.3) L-ispezzjoni tas-6 ta' Lulju 2015***

*Din l-ispezzjoni saret fil-Port tal-Imgarr f'Ghawdex. L-esponenti jiddikjara illi dan il-vjagg kien ghadu gej minn Kemmuna, u kif waslu Ghawdex huma gew milqugha minn ufficjali ta' Transport Malta li ghamlu l-ispezzjoni taghhom. L-esponenti però umilment jissottometti illi kif ser jigi muri matul is-smigh tal-appell, l-ufficjali ta' Transport Malta ma ghamlux l-verifikazzjonijiet kollha mehtiega sabiex jizguraw o meno jekk kienx hemm 'overloading' jew le, kif ukoll min effettivament kien responsabbli ghal dan l-allegat 'overloading'.*

***C. IR-RAGUNI GHAT-TALBA***

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat mid-decizzjoni tal-Awtorità tat-8 ta' Lulju 2015 u minnha qed jinterponi dan l-umili appell tieghu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*
*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

[5] Dok D anness.

***Fl-ewwel lok**, l-esponenti umilment jissottometti illi hemm dubju serju dwar il-validità o meno tad-decizzjoni tal-Awtorità in quanto ma tatx lill-esponenti zmien sabiex jressaq il-kontestazzjonijiet tieghu quddiem l-istess Awtorità qabel ma ttiehdet decizzjoni finali mill-Awtorità; **fit-tieni lok**, l-esponenti umilment jissottometti illi fid-dawl ta' kif graw l-affarijiet nhar l-24 ta' Gunju 2015, huwa ma ghandux jigi ppenalizzat; **fit-tielet lok**, dwar l-akkadut tas-17 ta' Gunju 2015, l-esponenti umilment jissottometti illi l-Awtorità kienet konsapevoli ta dak kollu li gara, u ghalhekk, huwa bir-rispett, ingust, li huwa jispicca bil-licenzja sospiza minhabba l-premess; **fir-raba' lok**, l-esponenti umilment jissottometti illi l-obbligu dwar l-irrapurtar tal-incidenti, kif indikat fil-L.S. 499.23, jista' jaghti lok ghal ksur tal-principji fundamentali tal-bniedem, fosthom id-dritt tas-silenzju; **fil-hames lok**, dwar l-ispezzjoni tas-6 ta' Lulju 2015, l-esponenti umilment jissottometti illi l-Ufficjali tal-Awtorità ma ghamlux l-verifiki kollha necessarji waqt l-ispezzjoni, u konsegwentament, il-konstatazzjonijiet taghhom ma ghandhomx jwasslu ghal ebda penali fil-konfront tal-esponenti; **fis-sitt u l-ahhar lok**, u salv aggravji ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh tal-appell, l-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju dwar l-aggravji supra, il-piena imposta fuq l-esponenti fid-decizzjoni tat-8 ta' Lulju 2015, hija bir-rispett, wisq.*

**C.1) Id-decizjoni tal-Awtorità hija nulla in quanto ma tatx lill-esponenti zmien sabiex jressaq il-kontestazzjonijiet tieghu quddiem l-istess Awtorità qabel ma ttiehdet decizzjoni finali mill-Awtorità**

*L-ittra mibghuta mill-Awtorità datata 8 ta' Lulju 2015, titkellem dwar 'Sospensjoni imemdjata u Twissija Ufficjali' u fl-ebda hin ma tat id-dritt lill-esponenti li jressaq l-kontestazzjoni tieghu quddiem l-istess Awtorità qabel ma l-Awtorità hadet id-decizzjoni finali. Apparti minn hekk, ma kien hemm l-ebda ittra ohra fejn l-esponenti gie moghti l-opportunità li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu qabel mal-Awtorità hadet id-decizzjoni finali taghha.*

*Dan in-nuqqas, fl-umili fehma tal-esponenti, jwassal ghal nuqqas serju, stante dan li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-L.S. 499.23 li jitkellmu car dwar il-procedura li ghandha tigi adoperata f'kaz li l-Awtorità tkun trid timponi sanzjonijiet bhal dawk li gew imposti fil-kax odjern. Referenza issir inter alia ghall-artikolu 62 tal-L.S. 499.23 li timponi obbligu fuq l-Awtorità li tavza minn qabel lill-persuna li fuqha tkun bi hsiebha timponi penali amministrattivi u tinfurmaha li ghandha zmien erbatax il-gurnata biex taghti r-ragunijiet taghha ghaliex il-penali amministrattiva m'ghandhiex tigi imposta. Fil-kaz odjern ma gara xejn minn dan, u l-esponenti ma giex moghti erbatax il-gurnata biex iressaq il-kontestazzjonijiet tieghu.*

*Ovvjament, bl-lealtà lejn dan it-Tribunal, l-esponenti huwa konsapevoli tal-fatt illi tramite l-avukat tieghu huwa baghat ittra lill-Awtorità fejn infurmaha li huwa ma kienx qed jaqbel ma' din id-decizzjoni. Dan però xorta wahda ma jista' qatt jissana l-rregolarità gravi li saret mill-Awtorità. Infatti, d-dicitura adoperata fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2015, kienet taghmilha cara li d-decizzjoni kienet wahda finali ( i.e. mhux li kien bi hisebha tiehu tali decizzjoni izda li kienet digà haditha u kienet fait accomplit). Konsegwentament, kwalunkwe sottomissjonijiet u kontestazzjonijiet li kien ser iressaq l-esponenti in segwitu ghall-ittra tat-8 ta' Lulju 2015 kienu ser ikunu ghalxejn.*

*Fl-ahhar lok, jinghad li tali ittra tal-11 ta' Lulju 2015 intbaghtet primarjament, (u infatti ntbaghtet propju qabel id-data tat-13 ta' Lulju 2015), sabiex l-esponenti juri lill-Awtorità li kien bi hsiebu jappella u hekk ikollu rasu mistrieha li fit-13 ta' Lulju 2015 huwa jkun jista' jopera l-bastimenti minghajr l-ebda impediment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi dan in-nuqqas huwa wiehed serjissimu u li ghandu jwassal ghan-nullità tad-decizzjoni tat-8 ta' Lulju 2015.*

**_C.2) Fid-dawl ta' kif graw l-affarijiet nhar l-24 ta' Gunju 2015, huwa ma ghandux jigi ppenalizzat_**

*A skans ta' ripetizzjoni dwar l-ewwel incident l-esponenti jaghmel umili referenza ghal dak sottomess fil-paragrafi precedenti u jzid li dan kollu juri li l-esponenti qatt ma kellu l-ebda intenzjoni li jahbi dak li effettivament gara. Il-mument li haseb li kien hemm xi hadd li kellu bzonn attenzjoni medika, huwa ghamel mezz li l-awtoritajiet tal-emergenza jigu kkuntatjati propju sabiex ma jkun l-ebda pregudizzju jew riskju ghal individwu. Sussegewentament, ittiehdet decizzjoni a bazi ta' logistika u ta' xejn iktar. Di più, jinghad ukoll bir-rispett illi l-fatt li saret telefonata ghall-ghajnuna medika, kif ukoll li fuq id-dghajsa tal-ERCC kien hemm ufficjal ta' Transport Malta, juri b'mod l-aktar lampanti li anke kieku wiehed ried, ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, b'xi mod jahbi l-akkadut, il-buon sens jiddetta li fid-dawl ta' kif graw l-affarijiet kien ser ikun impossibbli li l-incident jibqa' mistur.*

*Fl-ahhar lok, l-esponenti umilment jissottometti illi l-Awtorità deheret li ma tat l-ebda piz lil fatt li eventwalment, l-Awtorità giet infurmata bl-incident. Mhux talli ma tat l-ebda piz, talli dan l-att wassal biex l-esponenti jigi ppenalizzat!!*

**_C.3) Dwar l-akkadut tas-17 ta' Gunju 2015, l-esponenti umilment jissottometti illi l-Awtorità kienet konsapevoli ta dak kollu li gara._**

*L-esponenti umilment jissottometti illi huwa bir-rispett, irragjonevoli, li wara li l-akkadut gie konstatat f'dak il-hin stess minn ufficjali tal-Awtorità u tal-pulizija, u wara li l-istess Awtorità f'ittra tas-7 ta' Lulju 2015, tiddikjara li:*

> *"....there is also the understanding that you have made a declaration that you will be making good for all the damages sustained by the Authority in connection with this incident.";*

*huwa jigi notifikat li "talli ma saru l-ebda rapporti fi zminijiet stipulati skond id-disposizzjonijiet applikabbli" huwa kien ser jigi rinfaccat b'sospensjoni tal-licenzja ghal tlett xhur, apparti l-fatt li jrid jerga' jaghmel l-ezami tal-licenzja!!*

*L-esponenti ghalhekk, umilment jissottometti illi dan l-incident, gie uzat, u bir-rispett kollu, abbuzat, mill-Awtorità sabiex jizdied ma allegazzjonijiet ohra imsemmija fl-ittra u konsegwetament jigi rinfaccat bil-penali in kwistjoni.*

**_C.4) L-obbligu dwar l-irrapurtar tal-incidenti, kif indikat fil-L.S. 499.23, jista' jaghti lok ghal ksur tal-principji fundamentali tal-bniedem, fosthom id-dritt tas-silenzju_**

*L-esponenti umilment jissottometti illi l-fatt li wiehed jigi ppenalizzat talli ma rrapportax incident li fih huwa kien involut jista' jaghti lok ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fosthom id-dritt sakrosant tas-silenzju. Infatti l-esponenti jsibha difficli jifhem kif kaptan u/jew sid ta' bastiment involut f'incident ghandu l-obbligu li jaghmel rapport verbali u bil-miktub lil Awtorità, bil-konsegwenzi kollha li jista' ggib mieghu tali rapport, inkluz li jigi rinfaccat bi proceduri kriminali kontra tieghu.*

*Konsegwentament, l-esponenti qieghed minn issa jirriserva d-dritt li jitlob ghal referenza kostituzzjonali rigward dan il-punt.*

**_C.5) L-Ufficjali tal-Awtorità ma ghamlux l-verifiki kollha necessarji waqt l-ispezzjoni tas-6 ta' Lulju 2015 u konsegwentament, il-konstatazzjonijiet taghhom ma ghandhomx jwasslu ghal ebda penali fil-konfront tal-esponenti._**

*L-esponenti umilment jissottometti illi kif ser jigi muri waqt is-smigh ta' dan l-appell meta l-ufficjali tal-Awtorità ghamlu l-ispezzjoni rigward il-bastiment ta' La Laguna*

*huma ma ghamlux il-verifiki b'mod korrett b'dan li allura l-konstatazzjoni taghhom dwar kemm kien hemm passiggieri abbord il-bastiment, kif ukoll dwar ir-responsabilità ghall-istess, thalli dubju serji. Konsegwentament, tali penali fil-konfront tal-esponenti ma ghandhiex tigi imposta.*

***C.6) Aggravju dwar il-piena***

*Dan l-aggravju qieghed jitressaq il-quddiem minghajr predizzju dwar il-mertu, u l-esponenti umilment jissottometti, illi subordinatament, jekk dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkonferma li l-esponenti ghandu jigi penalizzat ghal xi wiehed jew it-tlett incidenti kollha, il-penali imposta xorta wahda ghandha tigi varjata. L-esponenti infatti jhoss illi tenut kont in-natura tal-allegazzjonijiet, u tac-crikostanzi kollha, sospensjoni tal-licenzja ghal tlett xhur, (f'liema perjodu, skond id-decizzjoni, l-esponenti lanqas biex jista' jkun parti minn ekwipagg ta' bastiment), kif ukoll obbligu fuq l-esponenti li jerga' jaghmel l-ezami tac-Certifikat ta' Komptenza hija bir-rispett wahda wisq oneruza, u minflok se mai ghandha tigi imposta penali aktar ekwa u miti skond il-kaz.*

***D. It-Talba jew Talbiet***

*Fid-dawl tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett:*

- *i) Illi fid-dawl tas-sottomissjonijiet supra, (u sottomissjonijiet ulterjuri li ser jitressqu waqt is-smigh ta' dan l-appell), jigi dikjarat illi d-decizzjoni supra citata tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tat-8 ta' Lulju 2015, hija nulla, stante li ma tatx l-opportunità lill-esponenti li jikkontesta d-decizzjoni tal-Awtorità qabel ittiehdet id-decizzjoni finali, u dan bi ksur inter alia tar-regolamenti fl-L.S. 499.23, u konsegwentament ghandha tigi revokata;*
- *ii) Illi minghajr pregudizzju ghat-talba dwar ir-referenza kostituzzjonali sabiex jigi trattat l-obbligu impost fuq il-kaptan u/jew sid il-bastiment, ai termini tal-L.S. 499.23, li jirrapporta incident li fih kien involut; li jigi dikjarat illi dak allegat mill-Awtorità fil-konfront taz-zewgt incidenti tal-14 ta' Gunju 2015 u s-17 ta' Gunju 2015, jew wiehed minnhom, ma jammontax ghal ksur tar-regolamenti u ma ghandux igib mieghu imposizzjoni ta' penali amministrattiva;*
- *iii) Illi l-ufficjali tal-Awtorità li ghamlu l-ispezzjoni nhar is-6 ta' Lulju 2015, rigward il-bastiment ta' La Laguna, ma ghamlux il-verifiki b'mod korrett, b'dan li allura l-konstatazzjoni taghhom dwar kemm kien hemm passiggieri abbord il-bastiment, kif ukoll dwar ir-responsabilità ghall-istess, thalli dubju serji, u ghalhekk il-penali relattiva imposta ghandha tigi revokata;*
- *iv) Illi konsegwentament, li d-decizzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tat-8 ta' Lulju 2015 tigi revokata in toto;*
- *v) Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghat-talbiet supra, f'kaz li dan it-Tribunal ma jirrevokax id-decizzjoni tat-8 ta' Lulju 2015 in toto, illi tigi parzjalment varjata d-decizzjoni tal-Awtorità, u tigi revokata parti minnha, skond kif ihoss idonju dan it-Tribunal;*
- *vi) Illi subordinatament, jekk dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkonferma li l-esponenti ghandu jigi penalizzat ghal xi wiehed jew it-tlett incidenti kollha imsemmija fid-decizzjoni tat-8 ta' Lulju 2015, li l-penali imposta xorta wahda ghandha tigi varjata ghal wahda aktar ekwa u miti skond il-kaz.*

*E. IR-RIMEDJU LI QED JINTALAB*

*Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jaghmel referenza ghall-aggravji tieghu supra citati, u sottomissjonijiet ohra li jistghu jigu mressaq waqt is-smigh ta' dan l-appell, jitlob bir-rispett, illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jilqa' dan l-appell b'dan li d-decizzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 8 ta' Lulju 2015 fil-konfront tar-rikorrenti Jonathan Grech tigi revokata, u konsegwentament, li l-appellanti jkun jista' jkompli jopera n-negozju tieghu minghajr ma jkun milqut bl-ebda sospensjoni u twissija ufficjali. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel rimedju, f'kaz li dan l-Onorabbli Tribunal jiddeciedi li kien hemm il-ksur kif allegat mill-Awtorità, jew parti minnu, illi tinghata sanzjoni aktar ekwa u miti skond il-kaz, fejn b'mod partikolari s-sanzjoni ma taffetwax l-operat tan-negozju tieghu, u ma jkunx hemm sospensjoni tal-licenzji li ghandu l-appellant.*

*Bl-ispejjez kontra l-appellat l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fid-19 ta' Awwissu 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi dawn huma proċeduri t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva wara deċiżjoni tal-Awtorita' mogħtija f'ittra tat-8 ta' Lulju, 2015 illi biha, filwaqt li l-Awtorita' għamlet referenza għal żewġ inċidenti u spezzjoni rigwardanti l-bastimenti kummerċjali "Sea Adventure" u "La Laguna" li tagħhom l-appellant kien il-kaptan:*

*[i] B'effett mit-13 ta' Lulju 2015 ordnat u imponiet s-sospensjoni taċ-Ċertifikat ta' Kompetenza (COC) tal-appellant (dokument Numru TM/PYD/44/01/392/588) u dan sakemm jerġa' joqgħod għall-eżami u jikseb riżultat pożittiv, ċjoe jgħaddi mill-eżami, kif meħtieġ għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, iżda liema żmien ta' sospensjoni ma jkunx anqas minn tlett xhur mit-13 ta' Lulju, 2015;*

*[ii] wissietu b'mod uffiċjali illi f'dan il-perjodu ta' sospensjoni tas-COC, ma jkunx jista' jħaddem, jopera u jsuq, jew ikun parti mill-ekwipaġġ ta', bastimenti kummerċjali*

*[iii] wissietu b'mod uffiċjali illi jekk ikun hemm xi ksur ieħor ta' kwalunkwe' disposizzjoni tal-liġi, l-Awtorita' kienet ser tieħu dawk il-passi neċessarji skont il-liġi fil-konfront tiegħu, inkluż ir-revoka ta' ċertikfikati u liċenzi, multi amministrattivi u proċeduri legali.*

*Għal kull bwon fini jingħad illi l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tal-Awtorita' hija sospiża sakemm jintemmu l-proċeduri odjerni quddiem dan it-Tribunal.*

*1.0 Il-fatti tal-każ*

*Illi l-appellant Jonathan Grech għandu ċertifikat ta' kompetenza (Certificate of Competency) li jippermettilu illi jsuq bastimenti kummerċjali u fil-fatt huwa jopera u jħaddem numru ta' bastimenti fosthom Sea Adventure u La Laguna.*

*Ġara illi f'temp ta' ftit ġimgħat l-appellant Jonathan Grech kien involut fi tliet inċidenti separati li qajmu preokkupazzjoni relatata ma' saħħa u sigurta' fl-ibħra Maltin. Dawn huma deskritti fil-qosor fl-ittra/deċiżjoni tat-8 ta' Lulju, 2015 mibgħuta mill-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta u jistgħu fil-qosor jiġu jinġabru kif ġej:*

(i) *<u>14 ta' Ġunju, 2015</u>: Fuq il-bastiment Sea Adventure weġġa' passiġġier illi eventwalment irriżulta li kien membru tal-ekwipaġġ ta' bastiment kummerċjali ieħor. Għalkemm oriġinarjament kienet intalbet l-assistenza tal-Emergency Response and Rescue Corps, eventwalment l-għajnuna tagħhom ġiet rifjutata. Jonathan Grech, bħala kaptan tal-bastiment naqas illi jagħmel rapport verbali lill-Awtorita' u jsegwih b'wieħed bil-miktub fi żmien 24 siegħa, bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerjċali u tal-Port Notice 3 tal-2013;*

(ii) *Fis-<u>17 ta' Ġunju, 2015</u>, ċjoe biss tlett ijiem wara, waqt li l-istess Jonathan Grech kien qiegħed jinnaviga l-bastiment Sea Adventure fl-inħawi tal-Blue Lagoon għamel ħsara lil baga tal-kanal navigabbli, proprjeta' tal-Awtorita';*

(iii) *Fis-<u>6 ta' Lulju, 2015</u>, meta did-darba Jonathan Grech kien qed iservi ta' kaptan fuq il-bastiment kummerċjali La Laguna, saret spezzjoni minn uffiċjali tal-Awtorita illi irriżultalhom illi l-istess bastiment kien qed iġorr ħames (5) passiġġieri aktar milli l-bastiment kien kapaċi u permess li jġorr;*

*Illi ffaċċjata minn tlett episodji f'temp ta' daqstant ieħor ġimgħat, l-Awtorita' ħasset illi s-sitwazzjoni kienet serja tant li kellha timponi sospensjoni immedjata taċ-Ċertifikat ta' Kompetenza ta' Jonathan Grech u dan għaliex fil-fehma tagħha, fid-dawl ta' dak li kien ġara, l-aġir ta' Jonathan Grech kien qed ipoġġi f'periklu s-saħħa u s-sigurta' tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ, tal-bastiment stess u b'mod ġenerali kien qed ifixkel il-bwon ordni fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta.*

*Illi dan kollu ġie spjegat f'ittra tat-8 ta' Lulju, 2015 (**Dok A** mar-rikors tal-appell), li għaliha l-appellant Grech irrisponda tramite l-avukat tiegħu fil-11 ta' Lulju, 2015. Huwa nforma lill-Awtorita' li ser jappella mid-deċizjoni u talab li l-attwar tad-deċiżjoni jiġi sospiż sakemm jinqata' l-appell (**Dok B** mar-rikors t'appell). B'ittra tat-12 ta' Lulju, 2015 (**Dok Ċ** mar-rikors t'appell) l-Awtorita' nfurmat lil Grech li filwaqt li ma kinitx l-intenzjoni tagħha li tirtira s-sospensjoni, id-deċiżjoni ma kinitx ser tiġi attwati sakemm ikun pendenti l-appell.*

*2.0 L-aggravji tal-appell u l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita:*

*Illi l-appellant qiegħed issejjes ir-rikors tiegħu fuq sitt aggravji. Għal raġunijiet ta' prattiċita' u kjarezza l-Awtorita' sejra tindika kull aggravju, u għal kull wieħed sejra tagħti r-raġunijiet/eċċezzjonijiet għalfejn jidhrilha li tali aggravju għandu jiġi miċħud.*

*Illi l-aggravji jistgħu jinġabru kif ġej:*

2.1 *<u>L-Ewwel Aggravju</u> – l-appellant qed isostni illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' hija nulla in quanto ma tatx lill-esponenti żmien sabiex iressaq il-kontestazzjonijiet tiegħu quddiem l-istess Awtorita' qabel ma ttieħdet deċiżjoni finali mill-Awtorita':*

*Illi f'dan ir-rigward, fattwalment l-Awtorita' ma tiċħadx illi hija amret sospensjoni <u>immedjata</u> taċ-ċertifikat ta' kompetenza tal-appellant, mingħajr ma segwiet il-*

*proċedura solita li huwa jingħata l-opportunita' illi qabel xejn iressaq il-kontestazzjoijiet tiegħu.*

*Illi madanakollu, l-Awtorita' ssostni illi hija kellha raġunijiet tajba li tagħmel dan, in vista li l-inċidenti involuti kienu jirreferu speċifikament għal kwestjonijiet ta' saħħa u sigurta' u għalhekk kienu partikolarment preokkupanti u urġenti. Barra minn hekk, il-fatt illi l-inċidenti seħħew daqshekk qrib xulxin ta lok għal tħassib serju dwar kemm Jonathan Grech seta' jkompli jiġi fdat bl-operat ta' bastimenti tal-passiġġieri.*

*Illi bħala l-Awtorita' responsabbli għall-bon ordni fl-ibħra territorjali Maltin (ara l-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta), l-esponenti ma tistax tippermetti illi xi individwu jibqa' jopera ta' kaptan jekk iqum dubbju dwar l-operat tiegħu, speċjalment fejn jidħlu perikli għas-saħħa tal-ekwipaġġ u passiġġieri. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-segwenti disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali li jemfasizzaw ir-rwol tal-Awtorita' li tassigura s-saħħa u s-sigruta' fl-ibħra Maltin u l-oneru iebes fuq kaptan ta' bastiment illi ma jqegħidx persuni u bastimenti fil-periklu:*

> *"sigurtà tan-navigar" tfisser kull apparat, għodda, il-persunal, strument tan-navigar u l-ħsieb u attenzjoni professjonali tal-Kaptan u ta' l-ekwipaġġ kollu fuq il-bastiment, li għandu x'jaqsam mattwettiq sigur ta' l-operazzjonijiet, kemm għall-bastiment involut u bastimenti oħra, nies jew proprjetà li jistgħu jiddaħħlu f'dawk loperazzjonijiet;*
>
> *39. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tabroga l-awtorità tal-Awtorità fil-ħtieġa ta' kontroll fuq is-sigurtà u lprevenzjoni tat-tniġġis minn xi bastiment kummerċjali f'xi port u libħra territorjali u interni ta' Malta.*
>
> *43. (1) L-ebda sid jew Kaptan ta' bastiment kummerċjali ma jista' jikkaġuna jew jippermetti li xi bastiment jitħaddem b'mod ta' periklu għall-ħajja tan-nies jew tal-proprjetà ta' l-oħrajn jew li jista' jagħmel ħsara lill-ambjent tal-baħar.*
>
> *46. Bastiment kummerċjali ma jista' fl-ebda ħin iġorr iktar persuni jew passiġġieri jew merkanzija mill-ammont li jidher fuq iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mill-Awtorità skond dawn irregolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika.*
>
> *52. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn irregolamenti, jekk Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ fl-eżerċizzju ta' dmirijietu jkun kiser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma jkunx obda xi ordni jew direttiva mogħtija mill-Awtorità, lAwtorità għandha tagħti avviż lill-ħati li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':*
> *(a) tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat ta' dak il-Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ;*
> *(b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat li trid titħallas lill-Awtorità fiż- żmien li jiġi stipulat fl-avviż, li fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dawn ir-regolamenti ma titħallasx fiż-żmien hawn qabel imsemmi, il-proċedimenti tassoltu għal dak ir-reat jistgħu jittieħdu skond iddisposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.*

*60. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk sid jew Kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mill-Awtorità jew il-pattijiet u l-kondizjonijiet tal-licenza, lAwtorità għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':*
*(a) tissospendi jew tirrevoka il-liċenza jew ċertifikat ta' dak il-bastiment u tista' titlob li s-sid ineħħi dak ilbastiment fiż-żmien u f'post li jidhrilha u jekk is-sid ma jobdihx, l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija talbastiment b'riskju u bi spiża tas-sid;*
*(b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat u li għandha titħallas lill-Awtorità fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkuninqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż- żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tassoltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn irregolamenti.*
*(2) Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza jew taċ-ċertifikat jew il-ħlas ta' piena ordnata taħt dan ir-regolament għandhom għal kull fini tal-ligi, jitqiesu bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat, u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.*

*Issir referenza wkoll għall-Artiklu 46 tal-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hemm mtenni l-poter tal-Awtorita' illi tissospendi u tirrevoka liċenzi jew awtorizzazzjonijiet.*

*Illi fid-dawl tas-suespost huwa għalhekk sottomess illi:*

- *Ir-Regolamenti msemmija ma jżommux lill-Awtorita' milli timponi sospensjoni immedjata f'ċirkustanzi li jagħtu lok għal preokkupazzjonijiet serji dwar saħħa u sigurta'*
- *Fil-mertu, iċ-ċirkustanzi kienu gravi biżżejjed illi jiġġustifikaw tali sospensjoni – tlett inċidenti separati fi tlett ġimgħat jagħtu lok għal tħassib*
- *Barra minn hekk, is-sospensjoni xorta rrispettat il-jeddijiet tal-appellant, għaliex Jonathan Grech tħalla jappella quddiem dan it-Tribunal kif għandu dritt skont il-liġi u, fil-frattemp, id-deċiżjoni ta' sospensjoni mhijiex qed tiġi attwata b'rispett lejn l-awtorita' ta' dan it-Tribunal*

2.2 <u>It-Tieni Aggravju</u> – *l-appellant isostni li m'għandux jiġi penalizzat għall-inċident tal-14 ta' Ġunju, 2015 għaliex qatt ma kellu intenzjoni li jaħbi dak li ġara:*

*Jingħad qabel xejn li r-referenza għad-data tal-"24 ta' Ġunju" fir-rikors hija żbaljata u kellha tissemma' d-data tal-14 ta' Ġunju, 2015.*

*Dwar il-mertu, jingħad li l-pożizzjoni li qed jieħu l-appellant, ċjoe li huwa ma ħebiex l-inċident, anzi għarraf bih uffiċjalment lill-Awtorita'* <u>*disat ijiem wara*</u> *huwa konferma li seħħ il-ksur li qed tilmenta minnu l-Awtorita'. Hawn għandna ammissjoni ċara li seħħ inċident, li wassal għal bżonn ta' għajnuna medika (għalkemm sussegwentement rifjutata) u li l-kaptan naqas li jirrappurtah skont il-liġi.*

2.3 *It-Tielet Aggravju – l-appellant isostni li m'għandux jiġi penalizzat fir-rigward tal-inċident tas-17 ta' Ġunju, 2015 għaliex mill-ewwel qabel li jħallas kwalunkwe' spejjeż inkorsi mill-Awtorita' biex issewwi jew tissostitwixxi l-baga;*

*Illi l-appellant imur oltre u jgħid illi l-Awtorita' qiegħda "tabbuża" minn dan l-episodju biex titfa' dell ikrah fuqu u tiġġustifika s-sospensjoni. Jgħid ukoll illi f'dan il-każ ma kienx hemm lok ta' xi rapport bil-miktub għaliex l-Awtorita' kienet taf b'dak li ġara*

*B'kull rispett l-appellant jidher illi mhux qed jirrealizza l-gravita' tas-sitwazzjoni. Huwa minnu illi dan l-episodju tas-17 ta' Ġunju, 2015* ***meħud għalih waħdu*** *jista' ma jidhirx daqshekk allarmanti għaliex fih ma weġġa' ħadd. Jibqa' l-fatt pero li huwa inċident ta' kolliżjoni li wassal għal ħsara fil-baħar – il-fatt imbagħad li seħħ proprju tlett ijiem wara inċident fejn weġġgħet persuna, ifisser li l-Awtorita' ma setgħetx tinjora dan l-inċident qisu xejn mhu xejn dment li jitħallsu l-ispejjeż!*

*Barra minn hekk, il-fatt li l-Awtorita' "kienet taf" b'dak li ġara, ma jneħħix l-obbligu tal-Kaptan li jirrapporta l-inċident formalment. Bl-istess argument, il-leġislatur ma kienx ikollu għalfejn jeżiġi rapport verbali segwit b'wieħed bil-miktub għaliex ir-rapport verbali jkun biżżejjed sabiex l-Awtorita' "tkun taf b'dak li ġara".*

2.4 *Ir-Raba' Aggravju – L-obbligu ta' rappurtar tal-inċidenti jista' jagħti lok għal ksur tal-prinċipji fundamentali tal-bniedem, inkluż id-dritt tas-silenzju.*

*Illi b'risposta għal dan l-ilment, siewi li jintqal x'inhuwa l-iskop tar-rekwiżit illi jsir rapport tempestiv meta jseħħ inċident:*

*(i) Rapport verbali immedjat huwa bżonnjuz sabiex l-Awtorita' tkun tista' tagħti d-direttivi neċessarji, inkluż lil min qed jinnaviga fil-viċinanzi u sabiex jekk ikun il-każ jiġu avżati jew tintalab assistenza ta' Awtoritajiet oħra;*
*(ii) Rapport aktar dettaljat bil-miktub huwa mbagħad neċessarju biex l-Awtorita' tevalwa jekk, ngħidu aħna, hemmx bżonn li jsir survey tal-bastiment*
*(iii) Barra minn hekk rapporti simili jgħinu lill-AWtorita' hija u thejji direttivi u rakkomandazzjonijiet lill-baħħara*

*Illi sfortunatament, l-appellant qiegħed jinvoka dak li huwa jqis bħala dritt fundamentali u li huwa jidher li jpoġġi qabel kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u sigurta' ta' ħaddieħor! Bl-istess argument, anke l-obbligi rigward rapporti dwar inċidenti li jseħħu fuq il-lant tax-xogħol għandhom jiġu mwarrba biex il-persuni responsabbli ma jinqabdux!*

*Mil-lat proċedurali, jingħad ukoll bir-rispett illi b'dan l-aggravju tiegħu l-esponenti mhux qed sempliċiment jattakka aġir tal-Awtorita; iżda qiegħed addirittura jitfa' dubbju fuq il-Kostituzzjonalita' tal-liġijiet u r-regolamenti relevanti. Li jfisser bir-rispett illi dan mhux il-forum xieraq biex tingħata deċiżjoni dwar l-ilment tal-appellant.*

2.5 *Il-Ħames Aggravju: fir-rigward tal-inċident tal-overloading tas-6 ta' Lulju, 2015, l-appellant isostni illi l-verifiki mill-uffiċjali tal-Awtorita' ma sarux b'mod korrett*

*u għalhekk ma hemmx lok għal xi piena għaliex "hemm dubju serju" dwar kemm tassew kien hemm aktar passiġġieri milli suppost.*

*Dan huwa aggravju prettament dwar il-mertu u għalhekk l-Awtorita' sejra tressaq xhieda li jikkonfermaw l-inċident tal-overloading.*

2.6 Is-Sitt Aggravju: *Skont l-appellant, fl-agħar ipoteżi, il-piena għandha tiġi ridotta għaliex hija wisq oneruża*

*F'dan ir-rigward l-Awtorita' issostni illi l-piena hija waħda li tirrifletti s-serjeta' ta' dak li ġara u l-gravita' tal-preokkupazzjoni tagħha dwar l-inċidenti mertu tal-kawża.*

*L-Awtorita' tirriserva illi tressaq sottomissjonijiet oħra waqt is-smiegħ.*

*3.0 Konklużjoni*

*Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorità esponenti titlob illi l-appell imressaq minn Jonathan Grech jiġi miċħud u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra d-digriet tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti biex l-istess Tribunal jippronunzja ruhu l-ewwel u qabel kollox dwar l-aggravju tan-nullita` tad-decizjoni appellata;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-aggravju tan-nullita` tad-decizjoni impunjata;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza dwar l-istess nullita`;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mibghuta mill-Awtorita` intimata datata 8 ta' Lulju 2015 u intitolata "Sospensjoni Immedjata u Twissija Ufficjali" li ghamlet referenza ghal incident li sehh fl-14 ta' Gunju 2015 abbord il-bastiment SEA ADVENTURE, ghal incident li sehh bl-istess bastiment fis-17 ta' Gunju 2015 u spezzjoni li saret minn ufficjali tal-Awtorita` intimata fuq il-bastiment LA LAGUNA fis-6 ta' Lulju 2015. In vista' ta' dan l-Awtorita` intimata issospendiet ic-Certfikat ta' Kompetenza (COC) tar-rikorrent sakemm huwa jerga' joqghod u jghaddi mill-ezami filwaqt li wissietu biex fil-perjodu ta' sospensjoni ma joperax, ihaddem, isuq jew ikun parti mill-ekwipagg ta' ebda bastiment kummercjali, u li jekk ikun hemm xi ksur ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-ligi l-istess Awtorita` kienet se tiehu dawk il-passi necessarji fil-konfront

tieghu li jinkludu r-revoka tac-certifikati u licenzji, multi amministrattivi u proceduri legali.

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu ir-rikorrent qieghed isostni li s-sucitata decizjoni hija wahda nulla ghaliex l-Awtorita` intimata ma segwietx dak li tiddetta l-ligi qabel ma tohrog decizjoni finali. Ir-rikorrent qieghed isostni illi qabel l-Awtorita` setghet tiehu decizjoni finali fil-konfront tieghu hija kellha taghtih l-opportunita` li huwa jressaq is-sottomissjonijiet tieghu. In sostenn ta' dan ir-rikorrent jiccita Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 (Regolamenti Dwar il-Bastimenti Kummercjali) fejn fis-subregolament (3) u (6) tal-istess Regolament insibu s-segwenti:-

*"(3) Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel dikjarazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien mhux inqas minn erbatax-il ġurnata billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi imposta; u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull dikjarazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-persuna konċernata bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub.*

*(6) Il-proċedura mniżżla fis-subregolament (3) għandha tapplika wkoll f'dawk il-każijiet fejn l-Awtorità tirrifjuta li tagħti jew iġġedded liċenza, ċertifikat jew permess, jew* ***tissospendi jew tħassar liċenza, ċertifikat***[6] *jew permess bħal dawn, jew timponi kull kundizzjoni, restrizzjoni jew esklużjoni fihom, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."*

Illi bhala fatt m'hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-Awtorita` intimata li dan il-pre-avviz ma nghatax lir-rikorrent. Madankollu l-istess Awtorita` qieghdha ssostni li tali azzjoni immedjata kienet necessarja stante li l-incidenti in kwistjoni kienu jinvolvu kwistjonijiet ta' sahha u sigurta` u ghaldaqstant ghall-istess Awtorita` dan kien kaz urgenti u preokkupanti. L-Awtorita` intimata tishaq illi hi ghandha r-rwol li tassigura s-sahha u s-sigurta` fl-ibhra Malti u fir-risposta taghha tikkwota kemm Regolament 52 u kemm Regolament 60 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23. Ghal intendiment ahjar tal-kwistjoni it-Tribunal se jiccita kemm Regolament 52 u kemm Regolament 60 u cioe`:-

*52. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ fl-eżerċizzju ta' dmirijietu jkun kiser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma jkunx obda xi ordni jew direttiva mogħtija mill-Awtorità, l-Awtorità għandha tagħti avviż lill-ħati li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':*
*(a) tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat ta' dak il-Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ;*

[6] Enfasi tat-Tribunal

*(b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat li trid titħallas lill-Awtorità fiż-żmien li jiġi stipulat fl-avviż, li fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dawn ir-regolamenti ma titħallasx fiż-żmien hawn qabel imsemmi, il-proċedimenti tas-soltu għal dak ir-reat jistgħu jittieħdu skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. (2) Is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikat jew il-ħlas ta' xi piena imposta taħt dan ir-regolament għandha titqies, għal kull skop u fini tal-liġi, bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.*

*60. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk sid jew Kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mill-Awtorità jew il-pattijiet u l-kondizjonijiet tal-licenza, l-Awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista': (a) tissospendi jew tirrevoka il-liċenza jew ċertifikat ta' dak il-bastiment u tista' titlob li s-sid ineħħi dak il-bastiment fiż-żmien u f'post li jidhrilha u jekk is-sid ma jobdihx, l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija talbastiment b'riskju u bi spiża tas-sid; (b) timponi piena ta' mhux aktar minn tlett elef (3,000) euro għal kull reat u li għandha titħallas lill-Awtorità fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkun inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż- żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tassoltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn irregolamenti. (2) Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza jew taċ-ċertifikat jew il-ħlas ta' piena ordnata taħt dan ir-regolament għandhom għal kull fini tal-ligi, jitqiesu bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat, u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat."*

Illi minn ezami tar-Regolamenti citati mill-Awtorita` intimata ma jirrizultax illi l-Awtorita` ghandha xi diskrezzjoni li twarrab dak mitlub minnha f'Regolament 62 (3) citat iktar 'il fuq. Bil-kontra, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, Regolament 52 u 60 citati mill-Awtorita` intimata proprju jaghtu ragun is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ghaliex dawn jibdew bil-frazi "*Minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti..."* li jfisser illi Regolament 52 u 60 m'ghandhomx jigu applikati minghajr osservanza ta' Regolament 62 u jiddispensaw mill-pre-avviz li ghandu jinghata lil min allegatament ikun agixxa bi ksur tal-ligi.

Illi dan it-Tribunal jista' jifhem u japprezza illi l-Awtorita` intimata tkun pre-okkupata meta jkun hemm ksur tal-ligi marittima specjalment fejn jidhlu sigurta` ta' bastimenti u individwi, pero` l-istess ligi li minnha jemanu l-funzjonijiet u poteri taghha u r-Regolamenti mfassla tahtha ma jaghtu l-ebda poter lill-istess Awtorita` biex tiehu azzjoni immedjata bhal dik li hadet fil-kaz odjern. It-Tribunal ezamina Regolament 39[7] tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja u citat mill-Awtorita` intimata pero` fl-umli opinjoni ta' dan it-Tribunal lanqas dan ir-Regolament ma jista'

[7] *"Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tabroga l-awtorità tal-Awtorità fil-ħtieġa ta' kontroll fuq is-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis minn xi bastiment kummerċjali f'xi port u l-ibħra territorjali u interni ta' Malta."*

jinftiehem li permezz tieghu tista' tigi mwarrba l-procedura stabbilita fir-Regolament 62 u cioe` li min ikun se jigi milqut b'xi sanzjoni amministrattiva irid jigi moghti pre-avviz tal-intenzjoni tal-Awtorita` sabiex huwa jkun fi grad li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Awtorita intimata naqset milli timxi mal-procedura stabbilita fil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.23 u ghaldaqstant id-decizjoni datata 8 ta' Lulju 2015 mibghuta lir-rikorrent hija wahda nulla.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jilqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrent u jiddikjara d-decizjoni appellata bhala nulla ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghaldaqstant jirrevokaha.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**